

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Oradea (ir-Rumanija) fit-18 ta' Settembru 2012 — SC Fatorie SRL vs Direcția Generală a Finanțelor Publice Bihor**

(Kawża C-424/12)

(2012/C 379/25)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Oradea

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: SC Fatorie SRL

Konvenuta: Direcția Generală a Finanțelor Publice Bihor

**Domandi preliminari**

(1) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 jippermettu l-applikazzjoni ta' sanzjoni li tkun fit-telf, għall-persuna taxxabli, tad-dritt għat-tnaqqis tal-VAT, meta:

- (i) il-fattura li tkun ġiet ippreżentata mill-persuna taxxabli fid-dawl tal-implementazzjoni tad-dritt għat-tnaqqis tkun ġiet redatta b'mod żbaljat minn terz, il-miżuri ta' semplifikazzjoni ma jkunux ġew applikati;
  - (ii) il-persuna taxxabli tkun ħallset l-VAT imsemmija fil-fattura?
- (2) Il-prinċipju Ewropew taċ-ċertezza legali jipprekludi prattika amministrattiva tal-awtoritajiet fiskali Rumeni li
- (i) inizjalment, permezz ta' deċiżjoni amministrattiva irrevokabbli, irrikonxxew id-dritt għat-tnaqqis tal-VAT;
  - (ii) u sussegwentement bidlu din id-deċiżjoni u għamlu lil persuna taxxabli responsabbli għall-obbligu li jikkontribwixxi għall-baġit tal-Istat l-VAT li għaliha d-dritt ta' tnaqqis oriġinarjament kien ġie implementat, b'interessi u penalitajiet moratorji?

(3) Fiċ-ċirkustanzi li fihom:

- (i) il-persuna taxxabli tkun ħallset il-VAT indikata b'mod żbaljat minn terz fil-fattura;

(ii) l-awtoritajiet fiskali ma adottaw l-ebda tip ta' miżura attiva biex jordnaw lit-terz biex jikkoreġi l-fattura redatta b'mod żbalajt;

(iii) u li issa huwa impossibbli sabiex tiġi kkoreġuta l-fattura, minħabba l-falliment tat-terz, il-prinċipju tan-newtralità fiskali tal-VAT jippermetti li l-persuna taxxabli jitnehhilha d-dritt għat-tnaqqis tal-VAT?

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

(Kawża C-428/12)

(2012/C 379/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Galindo Martin u G. Wilms, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet tar-rikorrenti**

— Tiddikjara li, meta stabbilixxa, fid-Digriet FOM734/2007, tal-20 ta' Marzu, li jiddefinixxi r-regoli ta' applikazzjoni tal-liġi li tirregola t-trasport fuq l-art fil-qasam ta' liċenzji ta' trasport bit-triq ta' merkanzija, l-obbligu li, sabiex tinkiseb "liċenzja ta' trasport privat addizzjonali ta' merkanzija", l-ewwel vettura tal-flotta ta' impriża ma tkunx ilha iktar minn ħames xhur minn meta ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, u billi ma ġġustifikax dan l-obbligu, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 34 u 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-obbligu li, sabiex tinkiseb "liċenzja ta' trasport privat addizzjonali ta' merkanzija", l-ewwel vettura tal-flotta ta' impriża ma tkunx ilha iktar minn ħames xhur minn mindu ġiet irreġistrata għall-ewwel darba jikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni, li tmur kontra l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din ir-restrizzjoni la hija ġġustifikata minn raġunijiet ta'interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE u lanqas minħabba rekwiżit imperattiv.